DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 52/2009

tal-24 ta' April 2009

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 30/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 li jiffinalizza l-Anness IC tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi ta' skart ([2]) għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 32c (ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX li jinsab mal-Ftehim:

"— **32008 R 0669**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 (ĠU L 188, 16.7.2008, p. 7)."

Artikolu 2

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 669/2008 fil-lingwi Islandi\i u Norveġiżi, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ta\-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-25 ta' April 2009 sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 73/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008, liema minn dawn jiġu fl-aktar stadju tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' April 2009.

F'isem il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 23.
([2]) ĠU L 188, 16.7.2008, p. 7.